II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/180

tas-27 ta' Jannar 2023

li jimplimenta r-Regolament (UE) 2022/2474 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2474 tas-16 ta' Diċembru 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 1(19) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-16 ta' Diċembru 2022, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2022/2474, li emenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 ([2]) u introduċa miżuri restrittivi ulterjuri biex jissospendi l-attivitajiet tax-xandir fl-Unjoni, jew li huma diretti lejn l-Unjoni, ta' ċerti mezzi tal-media msemmija fl-Anness V għar-Regolament (UE) 2022/2474. Skont l-Artikolu 1, il-punt (19), tar-Regolament (UE) 2022/2474, l-applikabbiltà ta' tali miżuri fir-rigward ta' wieħed jew aktar minn dawk il-mezzi tal-media hija soġġetta għall-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni mill-Kunsill.

(2) Wara li eżamina l-każijiet rispettivi, il-Kunsill ikkonkluda li l-miżuri restrittivi msemmija fl-Artikolu 2f tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 jenħtieġ li japplikaw mill-1 ta' Frar 2023 fir-rigward tal-entitajiet kollha msemmija fl-Anness V għar-Regolament (UE) 2022/2474,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 2f tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 għandhom japplikaw mill-1 ta' Frar 2023 fir-rigward tal-entitajiet kollha msemmija fl-Anness V għar-Regolament (UE) 2022/2474.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 322 I, 16.12.2022, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Jannar 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
J. ROSWALL